MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 236/1997/1

Simon Cauchi
vs
Chief Government Medical Officer, Health Department u b’ digriet tas-16 ta’ Marzu 1999 gew kjamati fir-rikors il-Management and Personnel Office u l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 16 ta’ April 1990 u t-28 ta’ Dicembru 1993, huwa sofra ingustizzja f’li nghata transfer u ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej.

Ir-rikorrent kien ilu jahdem mal-Health Department mill-1984. Kien intbaghat kors barra minn Malta biex jispecjalizza fuq il-maintenance ta' boilers li fl-isptarijiet kien hemm htiega li jkun hemm nies imharrgin fuq il-boilers. Ir-rikorrent kien intghazel ghal dan il-kors mill-enginiera. Ir-rikorrent kien ghamel parti mit-team responsabbli biex jiehdu hsieb il-boilers ta' l-Isptar San Vincenz de Paul. Hu qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu anzi dejjem kien hemm kliem ta' tifhir mis-superjuri tieghu.

Illi fis-16 ta' April 1990 huwa kien inghata transfer u intbaghat jahdem fl-RDC f'post li l-anqas kien hemm il-htiega ta' electrical fitter u li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kors li hallas ghalih id-dipartiment stess. B'konsegwenza ta' dan it-transfer tilef il-beneficcji li kellu meta kien f'San Vincenz de Paul.

Illi fit-28 ta' Dicembru 1993 kienet harget sejha ghall-postijiet ta' chargehand (Boilerhouse) fid-dipartiment tas-sahha, ir-rikorrent kellu l-kwalifiki kollha ghall-promotion izda xorta wahda ma ntghazilx.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja billi jinghata dak li gie mcahhad minnu minhabba t-transfer vendikattiv u li jigi kkumpensat jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi t-transfers li nghataw, inghataw in vista ta’ l-esigenzi tas-servizz kif kienu dak inhar li nghataw.

Illi rigward l-allegata promotion li ma nghatatx, ghandu jinghad illi l-Bord li jaghzel in-nies sabiex jiehdu l-promotion, jinhatar mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-hatriet ta’ dawk maghzula ssir esklussivament mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u ghalhekk barra l-ambitu tat-Tabib Principali tal-Gvern. Di piu` tali proceduri, kienu insindikabbli u dan ai termini ta’ l-Artikolu 115 tal-Kostituzjoni ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad bl-ispejjez it-talbiet ta’ Simon Cauchi stante illi nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta’ dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta.

2. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, is-Sur Simon Cauchi, qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta’ jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta’ l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-promozzjoni ghal Chargehand (Boilerhouse). Il-Kummissjoni qed tirrileva dan ghall-fini tal-artikolu 5(3)(b) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

3. Illi minghajr pregudizzju jinghad, li fit-28 ta’ Dicembru 1993 kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet (Cirkulari ta’ l-OPM Nru 110/93) ghall-mili ta’ postijiet ta’ Chargehand (Boilerhouse) fid-Dipartiment tas-Sahha. Ir-rikorrent kien wiehed minn fost 20 persuna li applikaw.

4. Illi mir-rapport tal-Bord tal-Ghazla jidher li r-rikorrent (flimkien ma' tlettax-il applikant iehor) kien instab mhux eligibbli skond paragrafu 8 tac-Cirkolari li kienet tghid li:

"L-applikanti ried ikollhom:

a) Il-Journeyman's Certificate bhala Mechanical jew Electrical Fitter jew kwalifika ekwivalenti;

b) Mhux anqas minn hames snin esperjenza fuq xoghol f'Boilerhouse.

5. Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent ma' kellhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma kienet taf xejn dwarhom.

Ra r-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru li eccepixxa:

Illi t-talba li saret kontra tieghu kienet intempestiva fit-termini ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997.

Subordinatament fil-mertu l-intimat ghamel referenza u addotta r-risposta diga pprezentata mill-intimati l-ohra appartenenti ghas-settur pubbliku.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrentipprezenta affidavit a fol 9 u 10 tal-process fejn semma li xogholu kien jikkonsisti principalment f'maintenance ta' boilers u jsewwi problemi ta' "heating" fis-swali ta' l-isptarijiet, isewwi "generators" u "power supplies". Dejjem ghamel xogholu sewwa u onest.

Fix-xoghol tieghu kien jahdem “day-in-day-out” u kien jithallas l-allowance ta’ din is-sistema ta’ shift, kif ukoll “allowance” ghal xoghol matul il-Hdud u l-Festi meta kien ikun xoghol f’dawn il-granet.

Meta gie lura mill-kors ftit xhur wara li kien ghal habta tas-16 t’April 1990 meta kien qed jahdem fid-dar ta’ l-anzjani fl-Imtarfa fuq il-boilers u rcieva telefonata fejn infurmah li kien wasallu transfer ghar-“Refuse Disposal Centre” fil-Marsa.

Meta mar jirrapporta ghand is-Sur Thomas Micallef li kien il-principal ta’ l-RDC dan ma kien jaf xejn dwaru u fil-fatt qallu li hemm ma kienx hemm bzonnu. Semma li fl-RDC la hemm boilers, la “boiler house”, la inceneraturi, la impjanti ta’ reverse osmosis u l-anqas impjanti jew makkinarju iehor tax-xorta li dwaru hu kien specjalizzat. Hemmhekk spicca jizbogh u jaghmel it-tankijiet taz-zibel u xi darba kulltant iwahhal xi bozza jew jghaddi xi l-wire ghal xi plakka ta’ l-elettriku f’xi latrina jew ic-Cimiterju.

Sostna li dan it-transfer sar minhabba t-twemmin politiku tieghu u kawza tieghu tilef l-allowances, li kienu jammontaw ghal madwar elf lira Maltin fis-sena. Semma li bl-inkwiet li inkwieta fuq il-kaz anke addirittura spicca rikoverat l-isptar.

Fl-1993, kienet inharget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta’ chargehand (boiler house) fid-Dipartiment tas-Sahha. Hu kien issottometta l-applikazzjoni tieghu izda ghalkemm ircieva ‘acknowledgement” ta’ l-ittra qatt ma sejhulu biex jaghmel ebda interview. Kien biss 1996 fejn infurmawh li l-applikazzjoni tieghu ma setghetx tigi kunsidrata minhabba li ma kellux hames snin esperjenza. Dan in-nuqqas kien gie kkawzat minhabba t-transfer vendikattiv li kien inghata sitt snin qabel kif spjega aktar ‘il fuq. Hawnhekk kawza tat-transfer gie mcahhad milli jikkwalifika fil-promozzjoni b’konsegwenza li kellu c-cans li jsir charge-man.

Xehed <u>Peter Morales</u> li jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fir-rank ta` Operations Manager fuq mechanical engineering u ilu f`din il-kariga mill-1993. Hu semma li jaf lir-rikorrent u jafu jahdem kemm St. Vincent De Paule kif ukoll l-Isptar Generali. Ir-rikorrent kien jahdem bhala electrical fitter specjalizzat fuq il-boilers u kien anke mar kors barra minn Malta fuq dan is-suggett. Dan xehed li sa fejn jaf hu l-RDC ma hemmx dan it-tip ta` xoghol.

Zied jghid ukoll li kien ic-chairman ta` bord li kien hemm fuq chargehands fid-Dipartiment tas-Sahha fl-1993. Fil-fatt kienu sabu li r-rikorrent mhux eligibbli minhabba n-numru ta` snin bhala servizz. Kellu l-impressjoni li din kienet necessarja li bniedem ikollu 5 snin esperjenza waqt li r-rikorrent kellu anqas minhabba li kien gie trasferit x’imkien iehor. Il-procedura hija li dawk in-nies li ma jkunux eligibbli tinkitbilhom ittra mic-chairman fejn jindika lill-applikant ir-raguni ghaliex mhux eligibbli. Semma li meta r-rikorrent kien jahdem tahtu kien sabu tajjeb hafna u infatti f St. Vincent De Paule kien hu li jiehu hsieb l-affarijiet dwar electrical dejjem dwar boilers. F`post bhal St. Vincent De Paule hemm 3 boilers li huma kbar hafna minhabba li jridu jissupplixxu l-isptar shih.

Xehed <u>Saviour Lautier</u> li semma li t-trasferiment tar-rikorrent minn St. Vincent De Paule ghall-RDC kien fl-10 ta` April, 1990 u kien hareg it-transfer ufficjali, liema transfer hareg bil-kitba. Hu mhux f’posizzjoni jghid dwar it-tip ta’ makni u makkinarji li kien hemm l-RDC ghax hu l-kariga tieghu hija ta’ Direttur Rizorsi Umani.

Zied jghid hekk: “Mistoqsi dwar Francis Caruana jekk kienx wiehed mill-persuni li kienu ttiehdu passi dixxiplinarji kontra tieghu u r-rikorrent Simon Cauchi, nghid li iva. Fil-meeting li kien hemm skedat ghal quddiem il-bord tad-dixxiplina kien ghad-19 ta` Frar, 1990. Fil-fatt jekk saritx is-seduta jew le kollox ikun qieghed il-PSC ghax din hi haga tal-PSC u allura jiena ma jkollix informazzjoni fuqha”.

Hemm ittra datata 20 ta’ Settembru 1989 iffirmata minn Dr Giglio li jsemmi li kien intiz li jittiehdu passi dixxiplinarji

kontra Simon Cauchi u Francis Caruana “for having given false and misleading information on the basis of which another employee of this Department, Mr Joseph Cassar was interdicted in terms of the Public Service Commission”.

Giet esebita wkoll l-ittra ta’ l-14 ta’ Novembru 1989 fejn it-tabib Giglio kien kiteb lir-rikorrent fejn infurmah li kien bi hsiebu jiehu passi dixxiplinarji kontra tieghu skond ir-Regolament Nru 14 tar-Regolamenti ta’ l-1977 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Procedura ta’ Dixxiplina).

Giet ukoll esebita a fol 19 tal-process l-ittra ta’ l-4 ta’ Dicembru 1990 dejjem ta’ Dr Giglio mibghuta lir-rikorrent fejn infurmah li kien gie approvat li l-konkluzjonijiet tal-bord tad-dixxiplina li jgibu d-data ta’ l-11 ta’ Lulju 1990 ghandhom jigu kkonfermati u li ghandu jigi mmultat is-somma ta’ hamsin lira (Lm50.00) u li ghandu jhallas il-multa msemmija fir-‘Revenue Section’ ta’ dan id-Dipartiment fil-hinijiet normali u li din il-multa giet innotata fir-Record of Service tar-rikorrent.

Saviour Lautier semma li Francis Caruana li kien electrical fitter baqa` jahdem San Vincenz De Paule minkejja li kellu akkuza bhar-rikorrent.
Xehed Anthony Portelli Assistant Director Waste Disposal pero` deher bhala deputy ghad-direttur tal-Public Cleansing peress li dan kien qieghed bis-sick leave. Qal li l-RDC il-Marsa ma hemmx boiler house u li xogholhom huwa li jiehdu hsieb il-mastering rooms tan-nies, public conveniences u xoghol hekk jigifieri m’ghandhomx power house. Cauchi kien gie trasferit hemmhekk bhala electrician u kien jiehu hsieb il-public convenience, meta tmur xi bozza x’imkien jew meta tmur xi haga tad-dawl imur isewwiha.

Xoghol ta` boilers ma kellhomx. Cauchi kien gie trasferit l-RDC fl-14 ta` April 1990 waqt li Joseph Cassar kien trasferit mill-St Vincent De Paule ghall-RDC fis-29 ta` Jannar 1990.

Xehed Charles Grech inkarigat mill-Personnel Section l-Isptar San Vincenz De Paule u ilu hemmhekk mill-1997. Dan semma li dwar ir-rikorrent dwar l-ewwel erba' xhur tal-1990 u preciz qabel ma ha t-transfer Simon Cauchi ha b'allowances Lm24.00 fix-xahar u dan skond ir-records tat-Tezor. L-allowances tal-1996 kienu jammontaw minn Lm24.00 sa Lm41.00 fix-xahar.

**KONKLUZJONIJIET:**
It-Tribunal jibda biex jikkummenta dwar il-fatt ta' l-intimat ossia intimati f'din il-kawza. L-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li:

"Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."
Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f'idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Ghalhekk kemm dwar trasferiment kif ukoll dwar nuqqas ta' hatra, il-kawza messha saret kontra l-Kap tad-Dipartiment inkarigat fil-materja in kwistjoni ossiija t-Tabib Principali tal-Gvern. Dan ifisser li kien inutili illi tigi istitwita l-kawza kontra l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll bl-istess mod li l-kawza giet istitwita kontra l-Onorevoli Prim Ministru.

Ghal dawn il-motivi jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ilment tar-rikorrent bazikamnet huwa bazat fuq zewg aspetti u cioe` n-nuqqas ta' hatra ta' promozzjoni kif ukoll it-transfers u l-konsegwenzi tieghu.

Dwar in-nuqqas ta' hatra l-intimat Tabib Principali tal-Gvern eccepixxa illi rigward l-allegata promotion li ma nghatatx, ghandu jinghad illi l-Bord li jaghzel in-nies sabiex jiehdu l-promotion, jinhatar mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk il-hatriet ta' dawk

maghzula ssir esklussivament mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk barra l-ambitu tat-Tabib Principali tal-Gvern u li tali proceduri huma insindikabbli u dan ai termini ta’ l-Artikolu 115 tal-Kostituzjoni.

F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija minnu stess fl-ismijiet John Bilocca vs Tabib Principali tal-Gvern deciza fis-7 ta’ Mejju 1988 u ghall-istess motivi hemmhekk indikati jichad din l-eccezzjoni ta’ l-intimat Tabib Principali tal-Gvern.

Izda jinghad illi proprjament ir-rikorrent l-anqas biss talab tali promozzjoni u r-raguni ta’ din hija semplici ghax infatti hu l-promozzjoni bhala tali l-anqas biss seta’ jitlobha u r-raguni ghaliex ma setax jitlobha tohrog cara apparti mid-deposizzjoni moghtija, minn nota ta’ l-eccezzjoni paragrafu 4 u li tinsab a fol 29 ta’ l-eccezzjoni msemmija tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li ssemmi li mir-rapport tal-Bord tal-Ghazla jidher li r-rikorrent kien instab mhux eligibbli skond paragrafu 8 tac-Cirkolari li kienet tghid li l-applikanti jrid ikollhom fil-paragrafu (b) tieghu mhux anqas minn hames snin esperjenza fuq xoghol f’Boilerhouse u peress li r-rikorrent ma kellux din l-esperjenza ma setax fil-fatt ikun elegibbli u ma kienx elegibbli. Ghalhekk mhux il-kaz illi t-Tribunal jezamina l-applikazzjoni tar-rikorrent oltre kif issemma illi fl-ahhar paragrafu tar-rikors a fol 1 tal-process it-talba hija limitata li jinghata rimedju billi jigu ordnat li ssir gustizzja billi jinghata dak li gie mcahhad minnu minhabba t-transfer vendikattiv u li jigi kkumpensat.

Jifdal ghalhekk li t-Tribunal jezamina l-aspett ta’ transfer. Jinghad illi effettivament it-Tribunal gja kellu l-okkazzjoni illi jezamina l-aspett ta’ transfer f’okkazzjonijiet ohra u senjatament fil-kawza Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru et deciza fit-23 ta’ Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista’ jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-

miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Infatti rrizulta li t-Tabib Principali tal-Gvern proprju dik ghamel bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu izda f'hiex kienu jezistu dawn l-esigenzi fil-korp tal-kawza qatt ma ta r-raguni ghaliex. L-unika mod illi qisu gie ssuggerit kien illi effettivament kienu qeghdin jittiehdu passi dixxiplinarji kontra r-rikorrent izda qatt ma nghatat bhala raguni l-fatt illi kienu qeghdin jittiehdu passi dixxiplinarji kontra r-rikorrent il-fatt li huwa gie trasferit. Inoltre mix-xhieda ta' Saviour Lautier tas-6 ta' Lulju 2000 li tinsab a fol 54 tal-process jghid specifikatament illi "Francis Caruana li kien electrical fitter baqa` jahdem San Vincenz De Paule minkejja li kellu akkuza bhar-rikorrent".

U allura dan certament jaghmilha cara li r-rikorrent ma giex trasferit bhala passi dixxiplinarji ta' dak li jissemma fl-ittri a fol 17, 18 u 19 tal-process ossija Dokumenti BG1, BG2 u BG3. Issemma specifikatament illi r-rikorrent kien specjalizzat fl-elettriku u b'mod specjali fil-boilers u li fejn gie trasferit l-RDC skond id-diversi xhieda ma kienx hemm bzonn ta' bniedem f'dik il-linja u ssemma li fl-RDC ma kien hemm l-ebda boiler jew impjanti eletrici x'jigu msewwija. Illi ghalhekk zgur ma kien hemm l-ebda esigenza tas-servizz illi r-rikorrent jigi trasferit hemmhekk. Inoltre jinghad illi r-rikorrent kien gie mmultat Lm50 in segwitu tal-proceduri dixxiplinarji u f'ebda hin ma ssemma li hu kellu jinghata transfer. Illi ghalhekk ma gie pruvat ebda esigenza tas-servizz kif imsemmi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat Tabib Principali tal-Gvern.

Ghal dawn il-motivi jichad ukoll l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat Tabib Principali tal-Gvern u peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elfejn u hames mitt lira [LM2,500].

Spejjez kontra l-intimat Tabib Principali tal-Gvern hlief dawk relattivi ghall-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-MPO li huma a karigu tar-rikorrent.